MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Awwissu, 2013

Numru. 757/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**RAMON CARUANA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **RAMON CARUANA**, ta’ sitta u ghoxrin (26) sena, bin Joseph u Rita nee’ Desira, imwieled Pieta’ fit-8 ta’ Frar 1987, residenti St Mary Farmhouse, l-Irziezet tal-Marnizi, Marsaxlokk u detentur tal-Karta tal- identita’ 90487M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

B’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u cioe’:

Talli bejn il-5 ta’ Awwissu 2013 u d-9 ta’ Awwissu 2013 f’diversi hinijiet f’Rahal Gdid, fil-Marsa, Qrendi u/jew postijiet ohra f’dawn il-gzejjer minn vettura tal-ghamla King Long numru ta’ registrazzjoni BUS177 u vetturi ohra ikkommetta serq ta’ ‘diesel’ liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-persuna u bix-xorta tal-haga ghad-detriment ta’ Arriva Malta Ltd u/jew entitajiet/persuni ohra.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u cioe’ laqa’ ghandu fuel (diesel) propjeta’ ta’ Arriva Malta Ltd u/jew entatijiet/persuni ohra.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe’ fedina penali u PCR details.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fuq l-ewwel (1) akkuza kif registrata llum 10 ta’ Awwissu 2013 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta’ jerga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tal-10 ta’ Awwissu 2013.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li t-tieni (2) akkuza moghtija minnha nghatat b’mod alternattiv ghall-ewwel (1) akkuza u f’dan ic-cirkostanzi titlob lill-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Invista ta’ tali ammissjoni kif registrata, il-Qorti m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ din l-ewwel akkuza.

Semghet lid-difiza tiddikjara illi l-imputat ikkollabora bi shih mal-Prosekuzzjoni tul din l-investigazzjoni u dwar dan il-Prosekuzzjoni qablet.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-valur tad-diesel in kwistjoni ma jeccedix it-tletin Ewro (€30) u flimkien mal-imputat hemm persuna ohra li tressqet il-Qorti akkuzata bl-istess reati.

L-imputat seduta stante ghadda tletin ewro (€30) lill-Ufficjal Prosekutur sabiex jinghataw lis-socjeta' Arriva Malta Ltd.

Semghet lid-difiza tiddikjara li l-imputat bhala rizultat ta' dan ir-reat sahansitra tilef l-impjieg tieghu mas-socjeta' Arriva Malta Ltd.

Il-Qorti kkunsidrat is-segwenti meta giet biex terroga l-piena taghha:

1. Il-kooperazzjoni totali tal-imputat mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni.
2. L-ammissjoni bikrija tal-imputat u dan fl-ewwel opportunita' li nghata mal-prezentata.
3. Il-fedina penali netta bl-ebda teba' ta' kontravvenzjoni jew reat registrat fuqha.
4. Il-fatt li l-imputat ghamel tajjeb ghad-danni materjali sofferti mill-vittma u dan peress illi hallas il-valur tad-diesel misruq minnu.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, il-Qorti thoss illi ghandha taghti opportunita' sabiex l-imputat jirrealizza bl-izball li ghamel u jzomm il-boghod mill-hajja kriminali, u ghalhekk hija tal-fehma illi ghandha timponi conditional discharge.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 18, 261(b)(d)(f)(g), 263, 268, 270 u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat RAMON CARUANA hati tal-ewwel (1) akkuza ta' serq aggravat u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta'**

**tlett snin mil-lum ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Inoltre tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) akkuza kif mitluba mill-istess Ufficjal Prosekutur.**

**Il-Qorti spjiegat lill-hati fi kliem car, kemm r-responsabilita' tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' tlett [3] snin.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------